

Konvenut: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

### Talbiet

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB/EES/2017/08) u l-evalwazzjoni tal-espert indipendenti li fuqha din id-deċiżjoni hija bbażata skont l-Artikolu 20(15) tar-Regolament 806/2014.
- tiddikjara l-illegalità u l-inapplicabbiltà tal-Artikoli 18 u 29 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014;
- tikkundanna lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk invokati fil-Kawżi T-478/17, *Mutualidad de la Abogacía u Hermandad Nacional de Arquitectos Superiores y Químicos vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-481/17, *Fundación Tatiana Pérez de Guzmán y Bueno u SFL vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-482/17, *Comercial Vascongada Recalde vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-483/17, *García Suárez et vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-484/17, *Fidesban et vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-497/17, *Sánchez del Valle u Calatrava Real State 2015 vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, u T-498/17, *Pablo Álvarez de Linera Granda vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*.

---

### Rikors ippreżentat fil-11 ta' Ottubru 2017 – UP vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-706/17)

(2018/C 005/67)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: UP (rappreżentant: M. Casado García-Hirschfeld, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob sabiex il-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara dan ir-rikors ammissibbli u fondat;

konsegwentement:

- tannulla d-deċiżjoni tas-26 ta' April li fiha d-DG RRHH oppona t-talba tar-rikorrenti għal żmien parzjali fuq bażi medika;
- tippronunzja l-annullament, sa fejn ikun hemm bżonn, tad-deċiżjoni tat-12 ta' Lulju 2017 li tiċħad it-talba;
- tordna l-kumpens għad-dannu finanzjarju u morali ta' dawn id-deċiżjonijiet, stmat, mingħajr preġudizzju għal evalwazzjoni mill-ġdid, għas-somma ta' EUR 8 800;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż kollha.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka motiv uniku, maqsum f'żewġ partijiet.

L-ewwel parti hija bbażata fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni u ta' ksur tad-dritt għal smiġh, sa fejn l-Awtorità tal-Ħatra bbażat ruħha fuq leġiżlazzjoni li tikkonċerna każijiet differenti minn dak tar-rikorrenti mingħajr ma semgħatha u lanqas ippermettietilha tressaq l-osservazzjonijiet tagħha ta' natura li jinfluwenza il-kontenut tad-deċiżjoni inkwistjoni u, konsegwentement, kisret id-drittijiet tad-difiża tagħha.

It-tieni parti hija bbażata fuq il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tal-obbligu ta' premura, kif ukoll fuq l-eżistenza ta' żball manifest ta' evalwazzjoni tal-fatti mwettaq mill-Awtorità tal-Ħatra, sa fejn din setgħet qieset il-kumpensi għal inkapaċità mix-xogħol fid-dawl tar-regoli ġenerali ta' rimbors tar-regoli komuni. Ir-rikorrenti tqis li ebda dispożizzjoni statutorja ma tipprekludi li l-kumpensi msemmija jistgħu jiġu akkumulati mad-dħul derivanti mill-attività professjonali tagħha, minħabba li s-sitwazzjoni medika tagħha u r-rata ta' inkapaċità għax-xogħol tagħha ma jissodisfawx il-kriterji ta' invalidità fuq il-livell mediku previst mir-Regolamenti tal-Persunal.

## Rikors ippreżentat fis-7 ta' Novembru 2017 – Euracoal et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-739/17)

(2018/C 005/68)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

## Partijiet

*Rikorrenti:* Association européenne du charbon et du lignite (Euracoal) (Woluwe-Saint-Pierre, il-Belġju), Deutscher Braunkohlen-Industrie – Verein e.V. (Köln, il-Ġermanja), Lausitz Energie Kraftwerke AG (Cottbus, il-Ġermanja), Mitteldeutsche Braunkohlengesellschaft mbH (Zeitz, il-Ġermanja), eins energie in sachsen GmbH & Co. KG (Chemnitz, il-Ġermanja) (rappreżentanti: W. Spieth u N. Hellermann, Rechtsanwälte)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

## Talbiet

- tannulla d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1442 tal-31 ta' Lulju 2017 li tistabbilixxi l-konklużjonijiet tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT), skont id-Direttiva 2010/75/UE<sup>(1)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għall-impjanti kbar tal-kombustjoni (ĠU 2017, L 212, p. 1), sa fejn, b'din id-deċiżjoni, livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT (BAT-AELs) ġew aċċettati u stabbiliti għal emissjonijiet NO<sub>x</sub> (Artikolu 1, Anness 2.1.3, Tabella 3) u emissjonijiet ta' merkurju (Artikolu 1, Anness 2.1.6, Tabella 7) li jirriżultaw mill-kombustjoni ta' faħam u/jew linjite,
- sussidjarjament, tannulla d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 2017/1442 fl-intier tagħha, kif ukoll
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali, ta' dispożizzjoni legali superjuri, u tal-limiti tas-setgħat mogħtija b'rabta mal-vot fil-kumitat tal-Artikolu 75